# Wirjiet Organizzati mis-Sezzjoni Żgħażagħ

Din is-sena ġew organizzati żewġ wirjiet imtellgħin mis-Sezzjoni Żgħażagħ. L-ewwel wirja kienet il-Wirja tal-Presepji li issa saret avveniment annwali. It-tieni wirja kienet dik li s-soltu ssir fl-ewwel xhur tas-sena. Wara li s-sena l-oħra ma saritx minħabba ċirkostanzi oħra, din is-sena reġgħet ittellgħet u kienet fuq it-tema ta' Passatempi u Kollezzjonijiet.

Wara s-suċċess li kellna s-sena l-oħra bil-wirja tal-presepji li kienet saret għall-ewwel darba, ġie deċiż mis-Sezzjoni Żgħażagħ li għal din is-sena l-wirja ssir ġewwa s-sala prinċipali tal-każin u tkun ikbar b'aktar numru ta' presepji esibiti. Apparti l-presepju mekkanizzat li jsir bl-għajnuna ta' Edmund Camilleri flimkien ma' Michael Cauchi u l-grupp taż-żgħażagħ, din is-sena kellna presepju magħmul miċ-ċikkulata li sar minn Jamie Anthony Cini bl-għajnuna tal-grupp. Reġa' sar il-presepju statiku li kien isir quddiem il-każin fejn kellna l-għajnuna ta' Ruth Borg fejn irranġajna ż-żebgħa ta' dawn il-pasturi u żidna wkoll xi elementi.

Kellna wkoll diversi presepji żgħar magħmula kollha minn residenti Melliħin. Dawn kienu Albert Borg, Carmen Cini, Charles Borg, Daniel Vassallo, Frans Sammut, Johann Farrugia u Marie-Lou Rodo. Il-wirja ġiet miftuħa nhar it-tlettax ta' Diċembru mis-sindku tal-Mellieħa s-sur John Buttigieg u mbierka mill-kappillan tal-Mellieħa Dun Joe Caruana u damet miftuħa sal-ewwel tas-sena. Il-wirja ntlagħqet tajjeb ħafna mill-pubbliku li ġie jżurha fil-jiem li għamlet miftuħa. Nixtieq navza li min hu interessat jesebixxi xi presepju li jkun għamel għandu jkellem lil xi membru mill-grupp taż-żgħażagħ sa mhux aktar tard mill-aħħar ta' Ottubru biex jieħu sehem fil-wirja ta' Diċembru.

Wara li għaddiet il-wirja tal-Milied bdew id-diskussjonijiet dwar il-wirja li kien imiss. Wara diversi laqgħat ġie deċiż li tkun fuq it-tema ta'







'Passatempi u Kollezzjonijiet'. Bdejna għalhekk infittxu esibituri Melliħin. Għall-ewwel qisu bdejna naqtgħu qalbna iżda mbagħad wieħed imexxi l-kelma mal-ieħor tibda tara kemm hawn talent ġewwa l-Mellieħa li ħafna minnhom jagħmlu x-xogħol ġewwa darhom u qatt ma jiġi esibit. Il-wirja ġiet miftuħa nhar il-Ġimgħa 14 ta' Marzu fejn ġiet miftuħa mis-Sindku tal-Mellieħa u mbierka mill-Kappillan. Kellna numru sabiħ ta' 15-il esibitur. Dawn kienu Andrew Farrugia – Mudell ta' xini Spanjol magħmul biċ-ċikkulata, Carmen Sammut – kollezzjoni ta' qniepen żgħar minn pajjiżi differenti, Connie Vella – kollezzjoni ta' pupi tal-porċellana, David Sciberras – kollezzjoni ta' James Bond u mudelli tal-vannijiet, Edmund Camilleri – mudell ta' knisja, Geoffrey Thomas – kollezzjoni tal-whiskey, Jamie Anthony Cini – mudell biċ-ċikkulata, Jimmy Muscat – kollezzjoni ta' kotba tal-iskola primarja u kartolini ta' żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija, Lawrence Borg – skultura fil-ġebel, Louis Gauci – ħruq fuq l-injam, Louis Grech – mudelli tad-dgħajjes, Michael Vella – skultura bil-butir, Nathalie Kushev – xogħol bl-idejn tal-Ganutel u fuħħar.

Nagħlaq dawn il-kelmtejn billi nirringrazzja lil kull esibitur li ħa sehem fiż-żewġ wirjiet li kellna matul is-sena li kieku mhux bl-għajnuna tagħhom dawn żgur ma kinux ikunu possibbli. Nirringrazzja wkoll lill-grupp taż-żgħażagħ tal-għajnuna bil-preparamenti għal dawn il-wirjiet fejn jirrekjedu ħafna xogħol qabel kif ukoll waqt il-ġranet li l-wirjiet ikunu miftuħin.










**SPECIAL OFFERS AVAILABLE IN STORE**



Opening hours:
Mon – Tues 07.00 – 18.00
Wed 07.00 – 13.00
Thurs - Fri 07.00 – 18.00
Sat 07.00 – 14.00
Sun Closed

**Ġo Ġo**
MINI MARKET
**Mario & Joanne Vella**
Snajjin Street
Mellieħa, Malta
Tel: 21521445
**Free Deliveries**